MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 668/1995/2

Karen **RUĠĠIER**

vs

Joseph **MIFSUD** u Grazia Mifsud, għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Mejju, 1995, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) wara li ssib li l-imħarrek Joseph Mifsud waħdu kien jaħti għall-ħabta li seħħet fi Triq l-Imdina, Ħ'Attard, fit-3 ta' Settembru, 1993, bejn il-karozza reġistrata W-1232 proprjeta' tal-attriċi u dik reġistrata T-5832 misjuqa minnu, tillikwida d-danni mġarrbin mill-attriċi minħabba dik il-

ħabta; u (b) tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-14 ta' Settembru, 1995, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet ma kienx jistħoqqilhom jintlaqgħu għaliex Joseph Mifsud ma kien jaħti xejn għall-ħabta u għaliex l-attriċi qiegħda teżaġera fil-pretensjonijiet tad-danni li tgħid li ġarrbet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Frar, 1996, li bih ħatret bħala espert legali lill-Avukat Joseph Azzopardi[1], liema ħatra tħassret *contrario imperio* b'degriet tad-29 ta' Frar, 1996[2], fuq talba magħmula b'rikors wieħed miż-żewġ partijiet fis-26 ta' Frar, 1996, u ħatret minfloku bħala espert tekniku lil Francis Aveta;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' April, 1997[3], li bih u fuq talba magħmula mill-attriċi b'rikors tagħha ta' dak inhar stess, reġgħet ħassret *contrario imperio* l-ħatra ta' Francis Aveta bħala espert tekniku u qabbdet minfloku lil William Cassar Torregiani, liema ħatra għal darb'oħra tħassret b'degriet tal-24 ta' Frar, 1999[4], u l-kawża tqiegħdet *sine die*;

Rat id-degriet tal-20 ta' Ottubru, 1999, li bih il-kawża reġgħet tqiegħdet fuq il-listi tas-smigħ;

Rat in-Nota ta' Astensjoni tal-imħallef sedenti fit-28 ta' Novembru, 2000[5];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Jannar, 2001[6], li bih ħatret bħala espert tekniku sostitut lil John Borġ Bellanti, liema ħatra tħassret b'degriet tas-7 ta' Mejju, 2003, li bih ukoll il-kawża tneħħiet minn fuq il-listi;

---

[1] Paġ. 26 tal-proċess
[2] Paġ. 29 tal-proċess
[3] Paġ. 37 tal-proċess
[4] Paġ. 49 tal-proċess
[5] Paġ. 88 tal-proċess
[6] Paġ. 92 tal-proċess

Rat li b'degriet tat-12 ta' Awissu, 2003, il-Qorti kif issa presjeduta reġġħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ wara li sarilha rikors mill-attriċi u ntwera li tħallsu d-drittijiet kollha biex il-kawża tkun tista' terġa' titqiegħed għas-smigħ;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u rat il-provi l-oħrajn minnhom imressqa bil-mezz tal-affidavit u l-provi dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2006[7], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fil-11 ta' Diċembru, 2006[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin Mifsud fit-22 ta' Frar, 2007[9], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni wara ħabta bejn żewġ karozzi. L-attriċi qiegħda tfittex lill-imħarrkin biex jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li ġarrbet il-karozza tagħha li kienet qiegħda tinsaq fit-3 ta' Settembru, 1993, fi Triq l-Imdina, Ħ'Attard, meta seħħet ħabta ma' karozza misjuqa mill-imħarrek. L-attriċi tgħid li l-imħarrek waħdu kien jaħti għal dik il-ħabta. Billi hu naqas li jaċċetta r-responsabbilta' u li jagħmel tajjeb għall-ħsarat li ġarrbet, fetħet din il-kawża;

[7] Paġ. 160 tal-proċess
[8] Paġġ. 165 sa 170 tal-proċess
[9] Paġġ. 172 sa 184 tal-proċess

Illi l-imħarrkin jiċħdu li l-ħtija tal-ħabta kienet tal-imħarrek, iżda jgħidu li kienet l-ħtija għal dak li ġara kienet tas-sewwieq l-ieħor. Minbarra dan, jgħidu li l-attriċi tgħaġġibha dwar l-ammont ta' ħsara li tgħid li ġarrbet minħabba l-istess ħabta;

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li nhar it-3 ta' Settembru, 1993, għall-ħabta ta' nofsinhar neqsin kwart, wieħed Rudolph Cassar kien qiegħed isuq il-karozza tal-għamla *Ford Escort MK5*, b'makna *diesel*, reġistrata W-1232, sejjer lejn Ħ'Attard mid-direzzjoni tal-Imħrieħel. Il-karozza kienet tgħajjat lill-attriċi. Dak il-ħin, l-imħarrek kien qiegħed isuq vettura (vann) tal-għamla *Ford Transit*, reġistrat T-5832, u wkoll kien sejjer fl-istess direzzjoni biex jibqa' tiela' lejn ir-Rabat. Il-ħabta seħħet f'dik in-naħa ta' Triq l-Imdina li tiġi biswit l-Ambaxxata tal-Libja bejn Triq De Paule u l-bini tal-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji. Dak il-ħin l-art kienet xotta u t-temp tajjeb[10];

Illi mal-ħabta, l-karozza misjuqa minn Cassar ġarrbet ħsara fuq il-*mudguard* lemini ta' quddiem, fuq il-bieba tan-naħa tass-sewwieq u l-pilastru ta' bejn il-*bonnet* u l-bieb ta' quddiem fuq l-istess naħa. Intilfu wkoll tlieta mill-erba' *hubcaps*. Jirriżulta li l-attriċi kienet xtrat il-karozza bħala ġdida ftit aktar minn ħmistax qabel il-ħabta bil-prezz ta' Lm 7,600[11]. Il-kumpanija assikuratriċi tal-imħarrek qabbdet *suvreyor* biex jara l-karozza tal-attriċi u dan ħalla rapport u stima tax-xogħlijiet u spejjeż meħtieġa[12]

Illi l-attriċi sewwiet il-karozza fi Frar ta' l-1994 *f'garage* magħżul mill-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek[13]. Hija nefqet b'kollox Lm 339.49[14], f'bidla ta' partijiet, xogħol ta' tellar u żebgħa mill-ġdid tal-bnadi milquta u xogħol ta' lqugħ kontra s-sadid (*rust-proofing*). L-ispejjeż għall-partijiet il-ġodda – mixtrijin minn missier l-attriċi – tħallsu mil-kumpannija assikuratriċi msemmija. F'dak l-istess

[10] Dok "A", f'paġ. 11 tal-proċess
[11] €17,703 fi flus tal-lum
[12] Dokti « JM4a» u Dok « JM4b », f'paġġ. 115 – 7 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Joseph Oliver Ruġġier 10.10.1997, f'paġ. 70 – 3 tal-proċess
[14] € 790.80 fi flus tal-lum

xahar, il-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek bagħtet *cheque* lill-attriċi għas-somma ta’ Lm 339.49[15] għas-saldu tad-danni minnha mġarrba, iżda l-attriċi bagħtitu lura f’Diċembru, 1994[16], għaliex riedet li tingħata kumpens xieraq għax-xogħol ħażin ta’ tiswija u ta’ żebgħa li saru fuq il-karozza;

Illi f’April, 1994[17], tqabbad *surveyor* mill-attriċi biex iqis kemm naqas il-valur tal-karozza b’effett tal-ħabta. Huwa qies li l-karozza kellha titqies li kellha valur ta’ sebat elef lira[18] qabel seħħet il-ħabta u li, fil-kundizzjoni li raha, wara li fuqha sar ix-xogħol ta’ tiswija, l-valur waqa’ għal ħamest elef lira[19]. Is-*surveyor* qies li x-xogħol – l-iżjed f’dak li għandu x’jaqsam maż-żebgħa – ma sarx kif jitolbu s-sengħa u l-arti. Għal dan ir-rapport, *surveyor* maħtur mill-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek wera nuqqas ta’ qbil, iżda irrakkomanda li l-karozza tal-attriċi terġa’ tittieħed biex isirilha xogħol ta’ żebgħa mill-ġdid[20];

Illi fi Frar tal-1995, il-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek qablet li l-karozza tal-attriċi terġa’ tittieħed fl-istess stabiliment magħżul minnha biex isir xogħol ta’ żebgħa mill-ġdid[21]. Il-kawża nfetħet f’Mejju tal-1995;

Illi l-ewwel mill-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li meħtieġa jsiru hija dik **dwar min jaħti għall-ħabta**. Dwar dan l-aspett tal-kwestjoni bejn il-partijiet jidher li, għalkemm l-imħarrkin jikkontestaw kull ħtija, ma jidhirx li baqgħu jżommu din il-linja b’ħerqa kbira. Kemm hu hekk, f’rikors imressaq miż-żewġ partijiet flimkien fi Frar tal-1996[22], jidher li kien hemm qbil “li l-kontestazzjoni prinċipali hija fuq l-ammont ta’ danni reklamati” mill-attriċi. Kemm hu hekk, dak ir-rikors tressaq biex jintalab it-tħassir ta’ degriet li bih il-Qorti kienet ħatret perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-kwestjoni ta’ ħtija għall-ħabta, biex minfloku tintalab il-ħatra ta’ perit tekniku biex iqis id-danni

[15] Dok “JM6”, f’paġ. 120 tal-proċess
[16] Dok “JM5”, f’paġ. 118 tal-proċess
[17] Dok “I”, f’paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[18] €16,306 fi flus tal-lum
[19] €11,647 fi flus tal-lum
[20] Dok “JM3”, f’paġ. 114 tal-proċess
[21] Dok “JM7”, f’paġ. 121 tal-proċess
[22] Paġ. 28 tal-proċess

sofferti mill-karozza tal-attriċi "in partikolari dwar id-*depreciation* fuq l-istess vettura u l-ammont ta' l-istess *depreciation* jekk hu l-każ";

Illi, madankollu, l-imħarrkin baqgħu ma irrinunzjaw qatt għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom. Issa m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-imħarrka Grazia Mifsud ma taħti xejn għall-ħabta. Hi lanqas biss kienet riekba fil-vann ta' żewġha meta sar l-inċident. Iddaħħlet fil-kawża biss minħabba li tiġi mart l-imħarrek, u x'aktarx minħabba konsiderazzjonijiet marbutin mal-eventwali esekuzzjoni ta' deċiżjoni favorevoli għall-attriċi[23]. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek qatt ma tela' jixhed, la biex isostni l-verżjoni tiegħu u lanqas biex ixejjen dik tas-sewwieq l-ieħor;

Illi għar-rigward tal-ħtija tal-imħarrek, jirriżulta li dak il-ħin tal-ħabta hu kien ħiereġ minn triq sekondarja fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-għarus tal-attriċi. Dan jgħid[24] li huwa kien qiegħed isuq fuq il-korsija ta' ġewwa f'dik il-parti tat-triq. Iżid jgħid li l-vann misjuq mill-imħarrek rassu għal mal-bankina li kien hemm fuq in-naħa tax-xelluġ, u seħħet il-ħabta. Il-ħsarat li jirriżultaw mill-atti tal-kawża jagħtu lill-verżjoni ta' Cassar xhieda li wieħed jista' joqgħod fuqha, għalkemm din il-Qorti għadha ma tistax tifhem kif, ladarba hu minnu li l-imħarrek ħareġ minn triq fil-ġenb tax-xellug tal-karozza misjuqa minn Cassar, il-ħsarat ewlenin fuq il-karozza tal-attriċi kienu fuq in-naħa tal-lemin;

Illi l-fattur ewlieni f'dan il-każ hu, kif sewwa tirrileva l-attriċi fin-Nota ta' Sottomissjoni tagħha, li l-imħarrek kien ħiereġ minn triq sekondarja għal fuq dik li kien għaddej minnha Rudolph Cassar. M'hemm l-ebda dubju li t-tratt ta' triq misjuqa minn Cassar kienet triq ewlenija li tirbaħ id-dritta. Bla ma wieħed joqgħod itawwal bla bżonn dwar il-prinċipji stabiliti f'dan il-qasam fejn tidħol ir-responsabbilta' ta' sewwieq li jkun ħiereġ għal fuq triq ewlenija minn triq sekondarja, jingħad biss li l-imħarrek wera li ma kienx uża l-għaqal meħtieġ qabel kompla ħiereġ fuq it-triq ewlenija,

[23] Art. 1327 tal-Kap 16 u ara P.A. GCD **28.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Wilfred Galea et vs Violet Debono et***
[24] Xhieda tiegħu 11.11.1997, f'paġ. 75 tal-proċess

u kienet din il-manuvra traskurata tiegħu li wasslet biex seħħet il-ħabta;

Illi lanqas ma tista’ din il-Qorti tilqa’ s-sottomissjoni magħmula mill-imħarrkin fin-Nota Responsiva tagħhom fis-sens li l-attriċi naqset li tipprova kif imiss il-ħtija waħdanija tal-imħarrek fil-ħabta mertu tal-każ. Il-fatt li l-attriċi ma kinitx fuq il-post meta seħħet il-ħabta ma jnaqqas xejn mill-valur probatorju tax-xhud u tal-provi dokumentali l-oħrajn imressqin fl-atti tal-kawża u meqjusa b’reqqa minn din il-Qorti;

Illi, mbagħad, l-attriċi żgur ma taħti xejn għall-ħabta, għaliex hija qiegħda fil-kawża biss minħabba l-fatt li hija sid il-karozza li, dak il-ħin tal-ħabta, kienet tinsaq mill-għarus tagħha Rudolph Cassar. Ma jista’ jingħad bl-ebda mod li hija għamlet jew naqset li tagħmel xi ħaġa li, minħabba fiha, ħalqet jew ikkontribwiet għall-ħsara u d-danni li ġarrbet minħabba l-ħabta;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-ħtija waħdanija tal-ħabta taqa’ fuq l-imħarrek u, filwaqt li twarrab dik il-parti tal-eċċezzjoni li tgħid li l-imħarrek ma kienx jaħti, sejra tilqa’ l-ewwel talba attriċi;

Illi **għal dak li jirrigwarda d-danni mġarrba mill-karozza tal-attriċi** f’dan il-każ jidher li hemm ċirkostanza ewlenija li l-Qorti jeħtiġilha tqis. Meta seħħet il-ħabta, l-karozza tal-attriċi bilkemm kienet ilha fuq it-triq tliet ġimgħat, u kienet inxtrat ġdida fjamanta. Iżda meta ttieħdet għat-tiswija, ġara li x-xogħlijiet ta’ titligħ tal-partijiet (*panel beating*) u kif ukoll ix-xogħol ta’ żebgħa ġdida fin-naħat milquta, ma sarux skond is-sengħa[25]. Meta l-attriċi qabbdet *surveyor* biex iqis kemm naqas il-valur tal-karozza tagħha minħabba l-ħabta, dan wasal għall-fehma li, għalkemm il-valur naqas b’elfejn lira, imma nofs dak l-ammont kien jaħti għalih ix-xogħol ħażin li kien sar fuq il-karozza meta ttieħdet għat-tiswija wara l-ħabta;

[25] Xiehda ta’ Joseph Żammit 10.10.1997, f’paġġ. 68 – 9 tal-proċess

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li llum il-ġurnata huwa stabilit li karozza li tinħareġ fuq it-triq tibda titlef mill-valur tagħha kważi minnufih[26], u għalhekk iżjed u iżjed jaqa' l-valur tagħha jekk iġġarrab ħsara f'ħabta. Kemm hu hekk, huwa meqjus li tali tnaqqis fil-valur iseħħ ukoll jekk fuqha ssir tiswija bl-aħjar mod[27]. Il-jedd ta' kumpens għan-nuqqas ta' valur ta' vettura llum huwa wkoll meqjus bħala wieħed mill-irjus ta' risarċiment li l-parti mġarrba tista' titlob minħabba l-ħtija tal-parti l-oħra, l-iżjed fejn il-Qorti tkun sodisfatta li, wara t-tiswija, l-karozza ma tkunx ġiet tiswa daqs kemm kienet tiswa qabel il-ħabta[28]. Iżda, d-deprezzament irid dejjem jitkejjel b'mod li ma jaqbiżx il-valur li l-ħaġa kienet iġġib kieku nbiegħet qabel ma seħħet il-ħabta[29];

Illi fil-każ tal-lum, jidher li x-xogħol li sar fuq il-karozza tal-attriċi ma kienx mill-aqwa, u l-istess kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek kienet iddikjarat li taqbel mal-ilmenti tal-attriċi dwar xogħol mhux soddisfaċenti li messu jsir mill-ġdid. Dan kien jirreferi għax-xogħol ta' żebgħa (*spray work*). Għalkemm l-imħarrkin ressqu lill-espert imqabbad mill-attriċi u għamlulu kontro-eżami serrat[30] dwar is-sejbiet tiegħu, ma seħħilhomx, fil-fehma tal-Qorti, li jwarrbu għal kollox il-konvinzjoni li x-xogħol ta' tiswija ma kienx sar sewwa;

Illi jirriżulta li l-karozza ssewwiet għand ditta li qabbdet il-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek fuq talba ta' missier l-attriċi. Il-kwestjoni li nqalgħet bejn l-attriċi u l-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek kienet dwar kemm huwa l-valur ta' d-deprezzament fil-karozza tal-attriċi. L-espert *ex parte* mqabbad mill-attriċi wasal għall-fehma li nofs id-deprezzament kien minħabba l-ħabta fiha nfisha, u n-nofs l-ieħor minħabba x-xogħol (ta' stokkjar u żebgħa) li sar ħażin;

---

[26] P.A. FDP **3.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecilia Attard Pirotta et vs Marianne Farruġia***
[27] P.A. TM **17.2.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Paul Galea vs Mario Farruġia et***
[28] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Camilleri vs Joseph Saliba et***
[29] App. Kumm. **1.12.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Wright et noe vs Grech*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.396**)
[30] Xhieda ta' Joseph Żammit 9.3.2005, f'paġġ. 128 – 139 tal-proċess

Illi, qabel tgħaddi għall-konsiderazzjoni ta' din il-kwestjoni, l-Qorti jidhrilha li għandha tqis ukoll jekk l-imħarrek għandux jinżamm responsabbli għal xi ħsara li l-attriċi setgħet ġarrbet minħabba x-xogħol ħażin ta' tiswija. Dan qiegħed isir għaliex fin-Nota Responsiva tagħhom[31], l-imħarrkin iqanqlu l-kwestjoni li huma maqtugħin 'il barra għal kollox minn dawk iċ-ċirkorstanzi marbutin max-xogħlijiet ta' tiswija li saru fuq il-karozza tal-attriċi. Li kieku t-tiswija saret biss bl-għażla u bil-ħatra tal-attriċi, l-Qorti hija tal-fehma li l-imħarrek ma jistax jiġi mġiegħel jerfa' l-ħtija ta' min naqas milli jagħti xogħol tajjeb. Hija biss ir-responsabbilta' li titnissel mir-rabta diretta bejn il-ħtija għall-ħabta u l-ħsara li seħħet minħabba dik il-ħabta li tinteressa lil din il-Qorti. Il-fatturi l-oħrajn ta' xogħol ħażin irid iwieġeb għalihom ħaddieħor u mhux l-imħarrek. Iżda f'dan il-każ, it-tiswijiet saru taħt ir-responsabbilta' tal-kumpannija assikuratriċi tal-istess imħarrek u, kemm hu hekk, kien hemm arranġament li bih ma kellux isir il-ħlas lil min għamel ix-xogħlijiet qabel ma l-attriċi tiddikjara li hija kienet sodisfatta bix-xogħol magħmul. Minħabba dan il-fatt, il-Qorti tqis li ladarba jista' jirriżulta li l-karozza tal-attriċi ġarrbet tnaqqis ieħor tal-valur tagħha minħabba x-xogħol (ħażin) li l-kumpannija assikuratriċi – bħala rappreżentanti tal-imħarrek assikurat magħha – daħlet għalih, u ladarba l-attriċi ma kienet bl-ebda mod taħti għax-xogħlijiet li saru u kif saru, allura l-imħarrek irid iwieġeb għal dak in-nuqqas ukoll[32];

Illi, kif ingħad, l-imħarrkin jikkontestaw għal kollox is-sejbiet li wasal għalihom il-perit imqabbad mill-attriċi dwar it-tnaqqis fil-valur tal-karozza tagħha. Dan jagħmluh billi jikkonfrontawh ma' rapport kritiku magħmul mis-*surveyor* imqabbad mill-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek. Mela, f'dan il-każ, il-Qorti għandha quddiemha żewġ fehmiet kontra xulxin magħmulin minn periti *ex parte*. Minkejja kull tentativ li kien sar mill-Qorti tul is-smigħ tal-kawża biex ikollha l-fehma ta' espert maħtur minnha, dawn sfaw kollha fix-xejn għaliex l-ebda wieħed mit-tliet persuni maħtura ma wasal biex itemm il-ħatra mogħtija.

---

[31] Paġġ. 175 – 8 tal-proċess

[32] Ara, per eżempju, P.A. GCD **12.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Bianchi vs Paul Galea***

Min-naħa l-oħra, ix-xhieda ta' espert *ex parte* hija llum il-ġurnata ammissibbli fil-liġi[33] sakemm u safejn dik ix-xhieda toħroġ mill-qasam ta' ħila u għerf li dik il-persuna tkun magħrufa għaliha;

Illi meta l-Qorti fliet iż-żewġ verżjonijiet tal-esperti tal-partijiet, sabet li, fis-sewwa, l-kontestazzjoni waħdanija kienet dwar l-entita' tax-xogħlijiet li saru jew li messhom saru. Ma kienx hemm nuqqas ta' qbil dwar tnaqqis tal-valur minħabba l-ħabta fiha nnifisha. Għall-kuntrarju, jidher li ntwera li x-xogħol taż-żebgħa ma kienx sar sewwa, u dwar dan l-imħarrkin jippruvaw jistkennu wara l-fatt li x-xogħol taż-żebgħa la sar minnhom u lanqas minn xi persuna mqabbda minnhom. Kif rajna qabel, iżda, din id-difiża ma tistax tintlaqa' f'dan il-każ minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari li ġraw;

Illi għal dak li jirrigwarda x'kien tassew ix-xogħol li sar jew kif l-aħjar messu jsir, il-Qorti ssib li toqgħod iżjed fuq il-verżjoni tas-*surveyor* maħtur mill-attriċi. Huwa minnu li dan ra l-karozza biss wara li kienu saru x-xogħlijiet fuqha. Min-naħa l-oħra, għalkemm is-*surveyor* Cuschieri (mqabbad mill-assikurazzjoni tal-imħarrek) kellu l-okkażjoni jara l-karozza kemm qabel u kif ukoll wara li saret it-tiswija, mid-dokumenti maħruġin minnu stess ma jmerix għal kollox xi kunsiderazzjonijiet ewlenin li jilħaq Joseph Żammit, imqabbad mill-attriċi. Hekk wieħed isib li fis-*survey* magħmul f'Ottubru tal-1993[34], Cuschieri jirrileva li, fost il-ħsarat imġarrbin mill-karozza tal-attriċi, kien hemm "*damaging door pillar*". Dan ifisser li dak il-pilastru ried tabilfors jissewwa. Żammit, min-naħa tiegħu, jgħid[35] li sar xogħol ta' *panel beating* sewwasew ma' dak il-pilastru. Meta Cuschieri maqdar il-konklużjonijiet ma miera xejn mill-konklużjoni msemmija fil-ħames paragrafu tar-rapport ta'Żammit, imma dwar dak li jissemma fis-sitt paragrafu. Maqdar ukoll konklużjonijiet marbuta mal-metodu wżat dwar l-applikazzjoni taż-żebgħa;

---

[33] Art. 563A tal-Kap 12
[34] Dok "JM4(a)" f'paġ. 115 tal-proċess
[35] Dok "I" (fil-ħames paragrafu), f'paġ. 19 tal-proċess

Illi jidher għalhekk li l-konklużjonijiet milħuqa minn Joseph Żammit għandhom jitwemmnu iżjed mit-tmqadir imressaq minn Cuschieri li, kif sewwa tirrileva l-għaref difensur tal-attriċi, kellu kull jedd u fakulta' li jissorvelja kif kien qiegħed isir ix-xogħol ta' tiswija, ladarba kien inkarigat għal hekk mill-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek innifsu, tant li kien qiegħed jibgħat struzzjonijiet bil-miktub dwar it-tiswijiet u x-xogħlijiet meħtieġa[36];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-attriċi seħħilha turi li ġarrbet id-danni reklamati f'kemm dak li jirrigwarda spejjeż għal bdil talpartijiet u kif ukoll fin-nuqqas ta' valur minħabba l-ħabta nnifisha u minħabba x-xogħol li sar kontra s-sengħa biex tissewwa dik il-ħsara;

Illi l-Qorti qiegħda tillikwida d-danni kollha mġarrbin mill-attriċi fis-somma ta' ħamest elef erba' mija u disgħa u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 5,449.50)[37];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiddikjara** li l-imħarrek Joseph Mifsud waħdu jaħti għall-ħabta li saret nhar it-3 ta' Settembru, 1993, fi Triq l-Imdina, Ħ'Attard, bejn il-karozza tal-attriċi reġistrata W-1232 u l-vann reġistrat T-5832 misjuq mill-imħarrek;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attriċi bħala sid tal-vettura W-1232 fl-imsemmija ħabta fis-somma ta' ħamest elef erba' mija u disgħa u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 5,449.50);

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek Joseph Mifsud iħallas lill-attriċi s-somma ta' € 5,449.50 hekk likwidata bħala d-danni mġarrbin, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

[36] Ara Dok "JM4(b)", f'paġ. 116 tal-proċess

[37] € 4,658.70 bħala deprezzament u € 790.80 bħala spejjeż għall-*parts* mibdula

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------